**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**-vs-**

**Abd Alraheem Aboulqasim Ali Bashah, detentur tal-Passaport Libjan bin-numru CGR6P902.**

*Ġudikatura Kawża Nru.7124/2022*

Illum, 31 t'Ottubru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Abd Alraheem Aboulqasim Ali Bashah** u ċioe talli:

Nhar it-30 ta' Ottubru 2022 ghal ħabta tat-tmienja ta' filgħodu (08:00Hrs) fl-inħawi tal-Bus Terminus, Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 1049 William Joseph Grech, PC 443 Chris Bonello, PC 184 Charlo Caruana u PC 1493 Christian Debono persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra PS 1049 William Joseph Grech, PC 443 Chris Bonello, PC 184 Charlo Caruana u PC 1493 Christian Debono sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' tieħu ħsieb tiegħu nnifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli irrifjuta li jagħti jew taha il-partikularitajiet tiegħu foloz jew mhux sew lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku meta dan talabhomlu waqt il-qadi ta' dmiru u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U Kif ukoll talli għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ u dan bi ksur tal-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti

tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali netta tiegħu w tal-fatt li kkowopera mal-pulizija hekk kif intebaħ b'dak li kien qed jiġri.

Tenut kont li l-piena għal dan ir-reat, kemm il-darba ma tiġix ordnata miżura kontemplata bil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iġorr ukoll il-multa, magħdud mal-fatt li l-imputat ma għandu l-ebda impjieg, il-qorti tkun hi stess qed twassal lill-imputat fuq l-għatba tal-kriminalità jekk timponi tali multa, għaliex biex jipprovdi għaliha sakemm ma jsibx impjieg leġittimu, bilfors ser ikun kostretta jagħmel reati oħra anke jekk dawk relatati ma impjieg mhux regolat.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti hi tal-fehma li ordni ta' libertà kundizzjonata tkun piena idoneja, iżda meta jiġi kunsidrat li l-għemil tal-imputat kien dirett fil-konfront t' uffiċjali tal-pulizija, tali ordni għandha tkun fil-massimu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 95, 338(g)(m)(w)(ee)(ff) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, isibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati, iżda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**